MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2011

Citazzjoni Numru. 384/1992/1

**Anne Fleri Soleri mart Anthony Fleri Soler u l-istess Anthony Fleri Soler dan ta' l-ahhar bhala kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti bejnu u bejn l-imsemmija martu Anne Fleri Soler u ghal kull interess li jista' jkollu, Josephine Spencer mart Arthur Spencer u l-istess Arthur Spencer dan tal-ahhar wkoll bhala kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti bejnu u bejn l-imsemmija martu Josephine Spencer u ghal kull interess li jista jkollu u Mary Anne Tufigno mart Alessandro Tufigno u l-istess Alessandro Tufigno dan ta' l-ahhar wkoll bhala kap tal-komunjoni tal-akkwisti bejnu u l-imsemmija martu Mary Anne Tufigno w ghal kull interess iehor li jista jkollu.**

**vs**

**Direttur tax-Xoghol u Emigrazzjoni u Kummissarju tal-Pulizija**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi ippremettew:-

Illi il-Pulizija Ezekuttiva fuq talba tad-Dipartiment tax-Xoghol u Emigrazzjoni harket lil Yvonne Mangion sabiex tidher quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-10 ta' Jannar 1990 fid-disgha ta' filghodu (9.00a.m.) u hemm twiegeb ghall-akkuza li fit-8 ta' Gunju, 1989, u qabel din id-data, naqset li thallas paga shiha u bonus u naqset li taghti allowance ta' lira Maltija (Lm1.00,0) fil-gimgha lill-atturi Anne Fleri Soler, Josephine Spencer u Mary Anne Tufigno billi ggib dawk ix-xhieda u provi ohra li jidhrilha mehtiega u sabiex imbaghad tkun imghoddi il-haqq skond il-ligi.

Illi dik il-Qorti wkoll giet mitluba tordna lill-istess Yvonne Managion li thallas lill-imsemmija atturi l-arretrati dovuti lilhom skond kif spjegat fi prospett anness ma' l-akkuza.

Illi skond l-artikolu 41(4) tal-Kapitolu 135 tal-Ligijiet ta' Malta, 1984, kull ordni bhal dak ghandha l-istess forza u effett u jkun esegwibbli bl-istess mod daqs li kieku jkunu inghata f'kawza civili bejn l-imsemmija atturi Anne Fleri Soler, Jospehine Spencer u Mary Anne Tufigno u l-istess Yvonne Mangion.

Illi b'sentenza moghtija fit-2 ta' Ottubru, l990, l-istess imsemmija Qorti lliberat lill-istess Yvonne Mangion minn kull imputazzjoni u htija stante li rrizulta li qatt ma giet notifikata bil-komparixxi fit-terminu ta' sena rikjest mill-ligi.

Illi l-konvenuti jew l-impjegati taghhom li ghalihom huma responsabbli kienu fid-dmir skond il-ligi li jipprocedu kontra Yvonne Mangion bl-azzjoni kriminali opportuna izda l-istess konvenuti jew l-impjegati tahthom li ghalihom huma responsabbli naqsu li jiehu l-passi procedurali mehtiega tempestivament u l-konvenuti jew l-impjegati taghhom li ghalihom huma responsabbli naqsu milli jinnotifikaw lill-Yvonne Mangion skond il-ligi.

Illi ghalhekk l-atturi sofrew danni.

Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta' ittri ufficjali in data 26 ta' Marzu, l991 u 21 ta' Jannar, l992 sabiex jersqu ghal-likwidazzjoni u konsegwenti hlas ta' dawn id-danni li gew debitament notifikati lill-konvenuti izda baqghu inadempjenti.

Ghalhekk l-atturi qed jitolbu li jigi dikjarat u deciz li l-konvenuti, jew minn minnhom, huma responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi in vista tan-nuqqas taghhom, jew ta’ min minnhom, li jaghmlu bid-diligenza rikjesta dak li kienu obbligati li jaghmlu skond il-ligi u dan kif jirrizulta mic-cirkostanzi premessi, li jigu likwidati favur kull wahda mill-atturi flimkien mar-rispettiv zwieghom, dawk id-danni li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza li kull wahda mill-atttturi flimkien mar-rispettivi zwieghom sofrew u dan f'ammonti divizi favur kull wahda minnhom u r-rispettivi zwieghom u li il-konvenuti, jew min minnhom, jigu kkundannati in solidum jew proporzjonalment bejniethom jew mod iehor, ihallsu lil-kull wahda mill-atturi flimkien mar-rispettivi zwieghom dak l-ammont ta' danni rispettivament likwidat.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-26 ta' Marzu, l99l, u tal-21 ta' Jannar, l992 u bl-imghax legali kontra l-konvenuti jew min minnhom, ;ioema konvenuti gew ukoll ingunti sabiex jidhru personalment ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom.

Rat li l-konvenuti nonostante li jirrizultaw debitament notifikati naqsu li jippresentaw in-nota tal-eccezzjonijiet taghhom u ghalhekk l-istess konvenuti ghandhom jitqiesu li huma kontumaci ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

SEmghet lill-atturi u lix=-xhieda minnhom prpodotti.

Rat l-affidavit tal-attrici Anne Fleri Soler.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-atturi.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza.

Ikkonsidrat:-

It-tlett atturi kienu jahdmu bhala ghalliema fl-iskola maghrufa bhala Chiswick House fil-Kappara. L-istess atturi irrapportaw lill-Dipartiment tax-Xoghol li huma fit-8 ta’ 1989 u anke qabel din id-data ma thallsux il-paga shiha, l-bonus u lanqas l-allowance ta’ Lm1 fil-gimgha. Fuq dan ir-rapport l-imsemmi Dipartiment, permezz tal-Pulizija Ezekuttivi, pproceda kontra l-Kap tal-imsemmija skola, cioe’ kontra Yvonne Mangion, li giet imharrka biex tidher quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali f’Jannar 1990 u hemm twiegeb ghall-akkuzi relattivi kif rapportat mill-atturi lill-imsemmi Dipartiment. L-imsemmija Qorti giet ukoll mitluba tordna lill-imsemmiuja Yvonne Managion li thallas lill-atturi l-arretrati dovuti lilhom. L-atturi, fic-citazzjoni, jsostnu li skond l-artikolu 41(4) tal-Kapitolu 135 tal-Ligijiet ta' Malta kull ordni bhal din ghandha l-istess forza u effett u tkun esegwibbli bl-istess mod daqs li kieku tkun inghatat f'kawza civili bejn l-imsemmija atturi u l-istess skola kif rappresentata minn Yvonne Mangion.

L-atturi jinnotaw li b’sentenza tat-2 ta' Ottubru, l990, l-imsemmija Qorti lliberat lil Yvonne Mangion minn kull imputazzjoni u htija stante li rrizulta li l-istess Mangion qatt ma giet notifikata sabiex tidher quddiem il-Qorti fit-terminu ta' sena kif trid il-ligi. L-atturi jsostnu li l-konvenuti jew l-impjegati taghhom, li ghalihom huma responsabbli l-istess konvenuti, kellhom id-dmir, skond il-ligi, li jipprocedu kontra Yvonne Mangion bl-azzjoni kriminali opportuna izda l-istess konvenuti jew l-impjegati taghhom naqsu li jiehdu l-passi procedurali mehtiega b’mod  tempestiv u l-konvenuti jew l-impjegati taghhom huma responsabbli talli naqsu milli jinnotifikaw lill-Yvonne Mangion skond il-ligi.

L-atturi jsostnu li minhabba f'hekk huma sofrew danni, li ghalihom huma responsabbli l-konvenuti, jew min minnhom. Skond l-atturi l-konvenuti gew interpellati, anke b'ittri ufficjali sabiex jersqu ghal-likwidazzjoni u konsegwenti hlas ta' dawn id-danni izda l-istess konvenuti baqghu inadempjenti u minhabba f'hekk l-atturi qed jitolbu li jigi dikjarat li l-konvenuti, jew minn minnhom, huma responsabbli ghall-imsemmija danni, li jigu likwidati dawn id-danni u li l-konvenuti, jew min minnhom, jigu kkundannati ihallsu lill-atturi d-danni hekk likwidati.

Kif gia rilevat iz-zewg konvenuti ghandhom jitqiesu li huma kontumaci stante li t-tnejn naqsu li jippresentaw in-nota tal-eccezzjonijiet taghhom. Fil-kors tal-kawza l-atturi ppreżentaw prospett (fol 25) dettaljat fejn indikaw l-ammonti pretiżi minnhom. Gew ukoll esibiti kopji tar-riferti pożittivi fir-rigward tan-notifika lill-imsemmija Yvonne Mangion u dan fir-rigward tal-imsemmija kawża kriminali.

Kif hu ben risaput il-kontumaċja ma tammontax ghal ammissjoni. Il-kontumacja ma teħlisx lill-attur milli jissodisfa r-rekwiżit tal-liġi li jressaq provi sal-grad almenu ta' probabilita` kif ukoll li jipproduci l-aħjar prova. Għalhekk din il-Qorti se tgħaddi biex teżamina l-provi prodotti mill-atturi.

Kif gia nnotat l-atturi kienu kollha impjegati bhala ghalliema ma Chiswick House School u kienu ngħataw parir mid-Dipartiment tax-Xogħol u Emigrazzjoni illi, fuq bażi tal-ammont ta' sigħat li kienu jaħdmu fil-ġimgħa, huma kellhom jitqiesu li kienu impjegati 'full time' u mhux 'part-time'. Għalhekk, huma kienu intitolati għal salarju ogħla minn dak illi fil-fatt kienu jirċievu, kif ukoll kienu intitolati ghal bonus u allowance ta' lira maltija (Lm1) fil-ġimgħa. L-ammont li kien dovut lilhom kien ġie effettivament mahdum mid-Dipartiment konvenut permezz tal-imsemmi prospett li gie in effett preżentat mill-atturi, u li jinsab a fol 25 tal-proċess.

Il-Pulizija Esekuttiva ntalbet minn Uffiċjal mid-Dipartimentv tax-Xogħol u l-Emigrazzjoni, fl-4 ta' Ottubru 1989, sabiex titharrek certa Yvonne Mangion, li dak iż-żmien kienet il-

prinċipal tal-iskola, talli naqset milli tħallas l-ammonti dovuti lill-atturi skond kif konstatat fl-imsemmi prospett. Fil-kors tal-kawza kriminali, gie ukoll prezentat l-imsemmi prospett. Minn dan il-prospett jirriżulta illi l-attrici Anne Fleri Soler kellha tirċievi is-somma Lm3707.68, 5, l-attrici Maureen (sive Mary Anne) Tufigno is-somma ta' Lm5224.36,5 u l-attrici Josephine Spencer is-somma ta' Lm334.69,3 u dan bħala id-differenza bejn dak li fil-fatt irċevew u dak li suppost kellhom jirċievu bħala salarju,kif ukoll il-bonu ddovut lilhom u l-imsemmija allowance. Dawn il-workings ġew konfermati mix-xhud Alphonse Farrugia, li fiz-zmien kien is-Segretarju Ġenerali tal-MUT (fol.41). L-istess xhud ikkonferma li kien jattendi għal kull seduta quddiem il-Qorti ta kompetenza kriminali u kkonferma li kien hemm diffikultajiet biex Yvonne Mangion tigi notifikata u dan nonostante li n-notifika bdiet anke issir fl-indirizz tar-residenza taghha u dan apparti li kien ukoll isir fl-indirizz tal-iskola in kwestjoni.

Kien jinghad fil-Qorti li Mangion ma kienitx instabet (fol.43). F'Ottubru tal-1990 l-akkużata Yvonne Mangion dehret u eccipit il-preskrizzjoni. Din l-ecezzjoni giet akkolta mill-Qorti tal-Magistrati. Ma jirrizultax li ghall-imsemmija eccezzjoni saret xi oppożizzjoni min-naħa tal-Prosekuzzjoni, u lanqas ma ġie intavolat appell mid-decizjoni tal-istess Qorti tal-Magistrati. L-imsemmi xhud jikkonferma li l-MUT kienet iżżomm kuntatt kontinwu mal-Labour Office u hu personalment kien jattendi s-seduti kollha iżda izid jghid li "konna mmorru u ma kien isir qatt xejn" (fol.45).

Illi x-xhud Mario Caruana, administrative officer fid-Dipartiment tax-Xogħol u l-Affarijiet tal-Emigranti (fol.45 et seq) ikkonferma li huwa kien l-uffiċjal prosekutur fil-kawża in kwestjoni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, liema kawza tressqet mid-Dipartiment kontra il-Principal tal-iskola in kwestjoni cioe' Yvonne Mangion bħala l-Prinċipal ta' Chiswick House School. Ix-xhud ikkonferma li kien hu stess li ta lill-Pulizija Ezekuttiva l-awtorizzazzjoni biex imexxu kriminalment kontra l-imsemmija Mangion u dan talli ma sarux il-pagamenti in kwestjoni dovuti lill-atturi. Jidher illi l-istruzzjoni lill-Pulizija ntbagħtet fl-4 ta' Ottubru

1989. Jirriżulta li l-akkużata ma kinitx innotifikata għall-ewwel seduta f'Jannar 1990 minħabba l-festi tal-Milied meta l-iskola ovvjament tkun magħluqa, u kwindi ix-xhud ipprovda l-indirizz tad-dar tar-residenza ta' Mangion sabiex din tiġi notifikata fl-istess residenza taghha. Dan l-indirizz gie provdut lill-Pulizija fit-8 ta' Frar 1990 cioe' xahar wara. Sussegwentement il-kawża ġiet differita għal Ottubru 1990, meta giet sollevata l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni.

Meta d-Dipartiment ghadda l-kaz lill-Pulizija ghall-prosekuzzjoni, r-responsabbilita' ewlenija li ssir in-notifika tal-akkuża ghaddiet ghand il-Pulizija. Skond l-artikolu 360 tal-Kap 9, id-dmir li ssir in-notifika tat-taħrika fiż-żmien stipulat mil-liġi hi tal-Pulizija Esekuttiva. Hija wkoll il-Pulizija Esekuttiva li effettivament ikollha f'idejha l-proċess u li tista' tikkontrolla meta jinħarġu n-notifiki. Madankollu, l-Uffiċjal Prosekutur ukoll għandu d-dmir li jissolleċita lill-Pulizija sabiex in-notifika ssir fil-ħin. Id-dmir taż-żewġ konvenuti f'każ bħal dan huwa konġunt, għalkemm, possibilment mhux fl-istess grad. Kemm-il darba l-Uffiċjal Prosekutur ma jurix li jkun għamel minn kollox biex jiżgura li l-Pulizija jwettqu n-notifika tal-akkuża lill-akkuzat fil-ħin, il-Pulizija xorta ma tkunx wettqet dmirha. L-imsemmi xhud Mario Caruana, pero', ikkonferma li d-Dipartiment tax-Xogħol u Emigrazzjoni ma ħax ħsieb li jara li l-akkużata tiġi nnotifikata fiż-żmien meħtieġ għaliex, skond ix-xhud, "din mhix kwestjoni tagħna imma hija tal-Pulizija li huma għandhom jieħdu ħsieb." (fol 48).

Fl-opinjoni tal-Qorti dan huwa żbaljat, għaliex filwaqt li huma l-Pulizija li għandhom iwettqu in-notifika, fl-istess hin l-Uffiċjal Prosekutur, li hu inkarigat mid-Dipartiment tax-Xogħol u Emigrazzjoni, sabiex jipprosegwi l-kawża, u bħala uffiċjal tal-gvern għandu jagħmel ħiltu biex jiżgura li l-prosekuzzjoni titmexxa kif xieraq. Fil-fatt l-istess xhud ikkonferma li normalment id-Dipartiment imsemmi kien javża lill-Pulizija jekk tkun se tiskadi l-preskrizzjoni, iżda f'dan il-każ naqas minħabba li kien hemm żmien twil bejn seduta u oħra. L-Uffiċjal Prosekutur ma jistax jeħles mir-responsabbiltà tiegħu bħala prosekutur ta' kawża, billi jitfa' r-responsabbiltà kollha fuq il-Pulizija. Fil-fatt, kieku kien

aġixxa bħala bonus paterfamilias, f'dan il-każ bħala persuna li għandha interess tipprosegwi l-kawża, kien jagħmel kull ma jista' biex jiżgura li l-Pulizija Esekuttiva kienet twettaq in-notifika fil-ħin kif jixraq minflok jibqa' passiv. Imbagħad, jidher mix-xhieda tal-imsemmi Mario Caruana li meta kien meħtieġ indirizz alternattiv biex issir in-notifika tal-akkuzata, dan dam xahar sħiħ biex jinkiseb u jingħata lill-Pulizija. Dan il-fatt kompla biex tawwal iż-żmien bejn tentattiv ta' notifika u oħra.

L-istess xhud Mario Caruana ikkonferma ukoll illi meta nbidel il-Magistrat li kien qed jippresjedi l-Qorti, kienet il-Pulizija li kienet qed tiddifferixxi l-kawzi u li ghalhekk kellha l-kontroll effettiv tal-process. Illi filwaqt li jirrizulta li l-kawza garrbet differiment twil fl-1990 dan ma jezonerax lill-Pulizija milli tkompli  tipprova tinnotifika lill-akkuzata, specjalment f'kaz fejn hemm terminu fiss ghan-notifika impost mill-ligi, bhal ma kien fil-kaz in esami. Dan aktar u aktar fejn kienu diga ghaddew xi xhur minn dak it-terminu. Il-file kien f'idejn il-Pulizija u din setghet facilment terga' tohrog notifika meta taslilha riferta negattiva. Illi donnu li ż-żewġ konvenuti ddipendew fuq xulxin reciprokament sabiex tigi notifikata l-akkuzata. Dan hu żbaljat u dan peress li l-preskrizzjoni setghet biss tigi interrotta biss bin-notifika u mhux semplicement bil-preżentata tal-kawża.

L-imsemmi xhud Alphonse Farrugia (fol.44) jghid ukoll li, bħala rappreżentant tal-MUT, kien talab lil ufficjal Prosekutur biex isir appell mis-sentenza tal-Qorti Kriminali, izda dan l-appell qatt ma sar. Hadd ma qal ghaliex l-appell ma sarx. Jista jkun li ma sarx minhabba nuqqas ta' aggravju validu, jew semplicement minhabba traskuragni. Li hu zgur hu li jekk tassew il-kawza kienet preskritta, kif iddikjarat l-imsemmija Qorti ta' gurisdizzjoni kriminali, seta' kien li ma sarx l-appell peress li ma kien hemm ebda bazi legali valida ghall-appell. La darba kien ghadda z-zmien stabbilit mil-ligi ghan-notifika, l-ebda appell ma seta jirrimedja dan id-difett.

Mill-provi prodotti jirrizulta b'mod ċar li kemm il-Pulizija Esekuttiva, li ghandha l-obbligu, skond il-liġi, li tinnotifika l-akkuża lill-akkużata fit-terminu li trid il-ligi, kif ukoll id-

Dipartiment konvenut, li hu inkarigat biex imexxi l-kawza, ikkaġunaw dak id-dewmien illi rriżulta mbagħad fil-preskrizzjoni tal-kawża kriminali kontra l-akkużata Yvonne Mangion. Jidher illi r-responsabbilta’ taz-zewg konvenuti hija kongunta u dan fis-sens illi huma kellhom jahdmu flimkien biex jizguraw li min seta rrenda ruħu ħati minn xi ksur tal-Ligi jigi mressaq quddiem il-Qorti kompetenti fiż-żmien mitlub mil-liġi. Il-fatt illi l-Pulizija hija nkarigata biex tmexxi l-kawza fis-sens li tinnotifika lill-akkuzat bl-akkuza, ma jezonerax lill-ufficjal prosekutur (id-Dipartiment konvenut) milli jsegwi l-andament tal-kawża u jara li n-notifika ssir fil-hin u li l-azzjoni ma tigix preskritta.

Ix-xhieda tal-membri tal-Korp tal-Pulizija, li ddeponew dwar riferti pozittivi lill-akkuzata, ma tinkwadrax mad-deposizzjoni tal-imsemmija xhieda Caruana u Farrugia, u in effett, fic-cirkostanzi rizultanti, hu aktar verosimili li l-imputazzjonijietr ma gewx notifikati u dan in vista tal-fatt li l-Qorti tal-Magistrati akkoljit l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, u in vista li l-prosekuzzjoni la opponiet u lanqas appellat l-istess decizjoni. Hu minnu li gew prezentati kopji tan-notifiki posittivi lill-akkuzata Yvette Mangion, pero’ huwa pjuttost difficli li wiehed jemmen li, jekk verament saru dawn in-notifiki, l-Qorti setghet taccetta l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Kieku n-notifiki saru f’waqthom wiehed jistaqsi ghaliex la l-Pulizija u lanqas il-prosekutur, ma ntavolaw appell mid-decizjoni. Ix-xhud l-Avukat Andrew Borg Cardona, li kien assista lill-akkuzata, kkonferma li l-prosekuzzjoni ma rribattietx l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, u inoltre l-akkuzata Yvonne Mangion ikkonfermat (fol.75A) li c-citazzjoni, jew ahjar l-akkuzi, qatt ma giet notifikata lilha.

Bl-ebda mod ma gew ikkontestati l-ammonti li gew mitluba mill-atturi u jirrizulta li dawn kienu dovuti skond il-liġi. In effett il-konvenuti, billi kienu kontumaci, ma ressqu ebda prova u ma ghamlu l-ebda sottomissjoni biex jigi kontestat jekk l-atturi kinux effettivament intitolati ghall-ammonti pretizi minnhom mill-iskola in kwestjoni. Barra minn dan, l-artikolu 38 tal-Kap.135 jipprovdi kjarament li ebda kuntratt ta’ impjiet ma seta’ jkollu kundizzjonijiet inferjuri ghal dawk li trid il-ligi. In effett jirrizulta li fil-kuntratt ta’ impieg tat-tlett

atturi kien hemm klawsola li kienet tistipula kundizzjonijiet li ma kienux favorevoli ghall-atturi u kienu inferjuri ghall dak li hemm stipulat fl-Att relattiv u kwindi tali klawsoli ghandhom jitqiesu li huma invalidi u nulli.

**Konsierazzjonijiet legali**

Fil-kawża fl-ismijiet "Hugh P. Zammit propio et nomine vs Direttur tax-Xoghlijiet Pubblici et" il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili stabbiliet li "huwa massimu assodat fil-gurisprudenza taghna illi biex ikun hemm risarciment tad-danni, trid tirrizulta negligenza jew traskuragni ta' min kien responsabbli illi dawk id-danni ma jsirux, ghalhekk huwa l-kompitu ta' din il-Qorti li tindaga din il-kwistjoni fil-kuntest tar-responsabbilta' tal-korporazzjoni konvenuta." Fl-istess kawza l-Qorti tal-Appell iddikjarat li "hu principju konsolidat kemm fid-dottrina kif ukoll f'gurisprudenza affermata, illi l-entitajiet pubblici li lilhom hi affidata certa mansjoni huma, bhal kull cittadin privat, marbuta li josservaw, fil-kors tal-attivitajiet taghhom, il-prudenza, diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja dettata mir-regola fl-artikolu 1032(1) tal-Kodici Civili. Regola din ta' korrettezza, bon sens u ta' zvolgiment ghaqli f'kull parti tal-operat, kemm jekk si tratta minn ezekuzzjoni ta' xoghlijiet, manutenzjoni ta' opri pubblici, vigilanza u kontroll. L-enti pubblika li ma tosservax dan titqies fi htija u jkollha allura tissubixxi l-konsegwenzi ta' dak li hu sancit fl-artikolu 1031 tal-Kodici Civili.

Fl-ambitu ta' din it-tematika l-Qorti Taljana ta' Cassazzjone (Nru 9092, 5 ta' Lulju 2001) kellha dan xi tghid:- "Nell' esercizio del suo potere discrezionale inerente alla esecuzione e manutenzione di opere pubbliche la Pubblica Amministrazione incontra limiti derivanti sia da norme di legge, regolamentari e techniche, sia da regole di comune prudenza e diligenza, prima fra tutte quella del 'neminem laedere' in ossequio alla quale essa e` tenuta a far si che l''opus publicum' (in particolare una strada aperta al pubblico transito) non integri per l'utente gli estremi di una situazione di pericolo occulto (cosiddetto insidia o trabocchetto)."

Imbagħad fil-kawża fl-ismijiet "Fiorino d'Oro Limited vs. Direttur tat-Toroq" il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili rriteniet li "l-kuncett tar-responsabilita' tal-Gvern hi bazata, bhal dik tac-cittadin ordinarju, fuq id-delitt u l-kwazi-delitt kif kontemplat fl-artikolu 1029 et seq tal-Kodici Civili. Dan ifisser li l-Gvern biex jista' jinstab responsabbli ghad-danni irid ikun agixxa b'imprudenza, b'negligenza u bla l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja, ghax diment li "jaghmel uzu ta' jedd tieghu fil-qies li jmiss, ma jwegibx ghall-hsara li tigri b'dan l-uzu" – artikolu 1030 Kodici Civli. Fil-kawza "Xuereb et vs Micallef et", deciza minn din l-Qorti fit-03 ta' Ottubru, 1953, intqal li "d-dispozizzjoni tal-ligi li tirrendi responsabili tal-hsara li tigri bi htija ta' min ikun kagun ta' dik il-htija hija generika u ma taghmel ebda eccezzjoni, lanqas ghal-Gvern, u ghalhekk il-Gvern huwa obbligat jaghmel tajjeb ghad-danni fil-kaz li huwa, fl-ezercizzju tad-drittijiet tieghu, johrog mill-gusti limiti u jikkaguna pregjudizzju lit-terzi" (ara ukoll "Apap Bologna vs Borg Olivier", deciza minn din il-Qorti fis-06 ta' Frar, 1958 u "Zahra vs Direttur Xogholijiet Pubblici" deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-03 ta' Dicembru, 1991 u, aktar, "Micallef vs Direttur tax-Xogholijiet Pubblici", deciza wkoll mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-28 ta' Frar, 2001).

Kif jinghad fil-ktieb ta' Bell, Boyron and Whittaker, "Principles of French Law" (Oxford 1998, pagna 191), fil-kuntest ta' responsabilta' tal-Gvern ghan-nuqqas ta' hadd iehor: "The moment that we could (and should) have done something about the potential risk of injury, then we have responsibility for the outcome which can ground legal liability". Hi wkoll rilevanti s-sentenza tal-Qorti tal-Appell, fl-ismijiet "Eddie Fenech Adami et noe vs. Carmel Bonello et" fejn il-Qorti rriteniet illi "l-principju tad-diskrezzjoni tal-'bonus pater familia' huwa applikabbli unversalment bhala mizura bazi ta` diligenza u prudenza fl-agir ta kull persuna responsabbli u fl-uzu tad-diskrezzjoni moghtija mil-ligi. Jitqies fi htija kull min fl-ghemil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza, u l-hsieb ta` missier tajjeb tal-familja."

Minn dan kollu kif ukoll mir-risultanzi jirrizulta ppruvat, f'din il-kawza, li fil-fatt iz-zewg konvenuti aġixxew b'imprudenza u traskuraġni, u għaldaqstant anke bħala awtoritajiet tal-gvern, għandhom ikunu obbligati jikkumpensaw lill-atturi għad-danni li sofrew minħabba li ma wettqux dmirijiethom bid-diskrezzjoni tal-bonus paterfamilias. In effett fil-kaz in esami r-responsabilita' ghandha tinqasam ugwalment u in solidum bej iz-zewg konvenuti u cioe bejn id-Direttur Tax-Xoghol u l-Emigrazzjoni u l-Kummissarju tal-Pulizija. Il-konvenut Kummissarju tal-Pulizija hu responsabbli peress li kien hu li kellu jiehu hsieb li jinnpotifika lill-akkuzata fiz-zmien li trid il-ligi u inoltre l-istess konvenut ikollu f'idejh il-proċess filwaqt li l-konvenut l-iehor Direttur tax-Xoghol u Emigrazzjoni huwa responsabbli talli naqas milli jsegwi l-kawża bid-diliġenza ta' bonus paterfamilias fit-twettiq ta' dmirijietu bħala prosekutur.

Jirriżulta illi l-aġir traskurat tal-konvenuti kkawża telf u danni lill-atturi, fis-sens illi l-atturi ma setgħux jirkupraw l-ammonti pretiżi minnhom minnghand l-iskola in kwestjoni u għalhekk, id-dannu soffert mill-atturi hu fis-sommom pretiżi minn kull wahda mill-atturi u dan flimkien mal-imghaxxijiet li ghandhom jigu kkalkolati mid-data tal-presentata ta' dawn il-proceduri sad-data tal-effettiv pagament.

Ghal dawn ir-ragunijiet

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet tat-tlett atturi u tiddikjara li l-konvenuti, in solidum bejnithom, huma responsabbli għad-danni sofferti mill-atturi u dan billi z-zewg konvenuti naqsu milli jagħmlu bid-diliġenza necessarja dak li kienu obbligati li jagħmlu skond il-liġi u tillikwida d-danni favur l-atturi u r-rispettivi żwieġhom kwantu ghall-attrici Anne Fleri Soler fis-somma ta' tlett elef seba' mija u seba' liri maltin u tmienja u sittin ċenteżmu (Lm3707.68), ekwivalenti ghal euro tmint elef sitt mija u sitta u tletin u sebgħa u ħamsin ċenteżmu (€8636.57), flimkien ma' interessi bit-tmiena fil-mija fis-sena sa mid-data tal-presentata ta' dawn il-proceduri sad-data tal-effettiv pagament, kwantu ghall-

attrici Josephine Spencer fis-somma ta’ tliet mija u erbgħa u tletin liri maltin  u disgħa u sittin ċenteżmu (Lm334.69) ekwivalenti ghal euro seba’ mija u disgħa u sebgħin u tnejn u sittin ċenteżmu (€779.62), flimkien ma’ interessi bit-tmiena fil-mija fis-sena sa mid-data tal-presentata ta’ dawn il-proceduri sad-data tal-effettiv pagament, kwantu ghall-attrici Mary Anne Tufigno fis-somma ta’ ħamest elef mitejn u erbgħa u għoxrin liri maltin sitta u tmenin centezmu u ħames milleżmi (Lm5224.86,5), ekwivalent ghal euro tnax-il elf mija u sebgħin u sitta u sittin ċenteżmu (€12170.66), flimkien ma’ interessi bit-tmiena fil-mija fis-sena mid-data tal-presentata ta’ dawn il-proceduri sad-data tal-effettiv pagament. Tikkundanna lill-konvenuti, in solidum bejnithom, iħallsu lill-atturi s-somom indikati, flimkien mal-imghaxxijiet kif ordnati.

L-ispejjez kollha tal-kawza jithallsu mill-konvenuti in solidum bejnithom.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------